MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 106/2014

**Vladyslava Andriivna Kravchenko**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Vladyslava Andriivna Kravchenko (K.I. 0581712(L)) datata 6 ta’ Frar 2014 fejn bil-gurament taghha esponiet illi: -

L-esponenti twieldet fit-18 ta' Lulju 1991 f’Petrovsky District, Donetsk city, l-Ukraina. Kif ser jidher mid-dokumenti pprezentati ma' dan ir-rikors guramentat, fis-26 ta’ Awwissu 1991, l-esponenti giet registrata bhala "Vladyslava Andriivna Kravchenko”, fir-registru tad-Direttorat tar-Registru Civil, Petrovsk Department of Justice, Donetsk City, Ukraine. Jinghad li c-certifikat tat-twelid orginali jinsab ghand id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Fil-15 ta' Settembru 2009 inhareg passaport mill-awtoritajiet ta' l-Ukraina bin-numru PO 153323 f’ isem ir-rikorrenti, kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’. Hawn ukoll, isem l-esponenti jigi mnizzel bhala 'Vladyslava Andriivna Kravchenko’.

Fis-26 ta' Novembru 2012 l-esponenti giet rikonoxxuta bhala cittadina Maltija b’permezz ta’ certifikat numru 2685 mahrug mid-Dipartiment ghac-Cittadinanza fi hdan il-Ministeru tal-Intern, hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'B'. F'dan id-dokument, isem l-esponenti jigi mnizzel bhala "Vladyslava Andriivna Kravchenko”.

Fil-5 ta' Settembru 2008 inharget traduzzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrenti mill-Konsulat Ukrain, Ministeru ghall-Affarijiet Barranin ta' l-Ukraina ("il-Konsulat Ukrain”) ghall-finijiet ta’ registrazzjoni ta' l-istess att fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku ta' Malta. F'din it-traduzzjoni jirrizulta li kunjom ir-rikorrent gie tradott hazin billi inkiteb b'mod zbaljat bhala “Kravcheno” u mhux "Kravchenko" (ara Dok C).

Minhabba l-izball fit-traduzzjoni kif spjegat fil-paragrafu precedenti, irrizulta li fuq l-att tat-twelid (numru 5817) taghha ppublikat mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku ta' Malta, il-kunjom tal-esponenti wkoll gie miktub b'mod zbaljat (ara Dok. D). Jekk wiehed pero' jhares lejn isem u Kunjom il-missier, dan jitnizzel korrettement bhala "Andrii Ivanovych Kravchenko".

F'ittra datata 24 ta' Lulju 2013, il-Konsulat Ukrain ikkonferma li bi zvista, kien sar zball ortografiku fil-kunjom tar-rikorrenti mit-traduttrici taghhom (ara Dok E). Sussegwentement il-Konsulat Ukrain ippubblika traduzzjoni riveduta ta' l-att bil-kunjom miktub korrettement (ara Dok F)

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1 Tiddikjara illi sar zball ortografiku fl-att ta' twelid ta' l-esponenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunjom ta' l-esponenti u li dan ghandu jkun "Kravchenko" u mhux "Kravcheno";

2. Tordna li fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fis-sens illi taht l-intestatura 'Isem il-Wild' il-kunjom 'Kravcheno' jigi kkancellat u sostitwit bil-kunjom 'Kravchenko' u dan skont l-artikolu 255 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna, li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta’ Mejju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 18 ta’ Marzu 2014 (fol 19) fejn espona : -

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b’ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tar-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi l-esponenti ma jsibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti fir-rigward tal-kunjom taghha salv pero` li huwa m’ghandux jinzamm responsabbli u dan peress li f'dan il-kaz l-esponent intalab jaghmel ir-registrazzjoni *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap 16 u dan abbazi tal-informazzjoni li kien hemm fuq l-att tat-twelid u t-traduzzjoni relattiva li kienet pprezentat r-rikorrenti fir-Registru Pubbliku meta hija talbet li tirregistra l-att tat-twelid taghha hawn Malta;

3. Illi ghaldaqstant, id-Direttur tar-Registru Pubbliku Malta m’ghandux jigi akkollat bl-ispejjez tal-proceduri istanti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Mejju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Kristina Rapa Manche` ghall-attrici prezenti, u talbet li l-proceduri jsiru bil-lingwa Ingliza peress li r-rikorrenti ma tifhimx bil-Malti. Din it-talba ma gietx opposta u din il-Qorti ghalhekk ordnat li l-proceduri jitkomplew bil-lingwa Ingliza. Il-verbal ikompli :- The parties declare that they don't have further proofs. The case was put off for the 17th June 2014 for the final judgment.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attrici qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi.

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed titlob korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha registrat hawn Malta billi l-kunjom hemm indikat bhala "*Kravcheno"* jigi kkancellat u sostitwit bil-kunjom "*Kravchenko".*

L-intimat Direttur ma opponiex ghat-talba salv li jghid li m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza peress li agixxa abbazi tal-informazzjoni lilu moghtija u tat-traduzzjoni fornita mir-rikorrenti tal-att tat-twelid originali taghha.

Ir-rikorrenti esebiet diversi dokumenti ufficjali fejn isimha huwa registrat bhala "Vladyslava Andriivna Kravchenko” cioe`, il-passaport taghha rilaxxjat mill-awtoritajiet ta' l-Ukraina bin-numru PO 153323 (**DOK A**), u c-certifikat ta' rikonoxximent ta' cittadinanza Maltija numru 2685 mahrug mid-Dipartiment ghac-Cittadinanza fi hdan il-Ministeru tal-lntern **(Dok. B)**.

Il-Qorti hija soddisfatta li l-izball hu dovut ghal zball fit-traduzzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrenti li nhareg mill-Konsulat Ukrain f'Malta. Dan l-izball gie kjarifikat u korrett permezz ta' traduzzjoni ohra ufficjali, kif jirrizulta mill-ittra rilaxxjata mill-Konslu tal-Ukraina (**Dok.E**).

Ic-certifikat tat-twelid rilaxxjat mir-Registru Pubbliku ta' Malta u esebit bhala **Dok.D,** *inoltre,* jindika kunjom missier ir-rikorrenti bhala "*Kravchenko"* u dan ikompli jsahhah it-tezi attrici.

Ghalhekk billi jirrizulta palezament, kif fuq spjegat, li kunjom ir-rikorrenti huwa "*Kravchenko"* u li sar zball fir-registrazzjoni tal-istess fl-att tat-twelid taghha, din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici.

Ikkonsidrat izda li l-intimat ma nkorra fl-ebda responsabbilta` ghall-izball imsemmi peress li agixxa abbazi tat-traduzzjoni li giet moghtija lill-ufficjali tieghu. Konsegwentement m'ghandux ikun responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza odjerna.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi:

1 **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi sar zball ortografiku fl-att ta' twelid ta' l-esponenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunjom ta' l-esponenti u li dan ghandu jkun "Kravchenko" u mhux "Kravcheno";

2. **Tilqa'** t-tieni talba attrici u tordna li fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fis-sens illi taht l-intestatura 'lsem il-Wild' il-kunjom 'Kravcheno' jigi kkancellat u sostitwit bil-kunjom 'Kravchenko' u dan skont l-artikolu 255 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------